MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 309/2020 LM

**Elmo Insurance Limited (C 3500) kif debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha George Bugeja, u s-soċjetà Allwoods & Steel (Property 1) Ltd, kif ukoll l-istess George Bugeja (K.I. nru. 421156(M)) u s-soċjetà Allwoods & Steel (Property 1) Ltd (C 72742)**

***vs.***

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Elmo Insurance Limited (C 3500) kif debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħhha George Bugeja, u s-soċjetà Allwoods & Steel (Property 1) Ltd, kif ukoll l-istess George Bugeja (K.I. nru. 421156(M)) u s-soċjetà Allwoods & Steel (Property 1) Ltd (C72742)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] mis-sentenza mogħtija fis-6 ta'

Ottubru, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tagħhom fil-konfront tal-intimata **l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** [minn issa ’l quddiem ‘il-Korporazzjoni appellata’] billi ċaħad it-talba tagħhom u laqa’ l-eċċezzjonijiet kollha tal-imsemmija Korporazzjoni intimata, bl-ispejjeż kontrihom.

**<u>Fatti</u>**

2. Għall-ħabta tat-30 ta’ Jannar, 2017 irriżulta ingress ta’ ilma fil-proprjetà tal-appellant George Bugeja u/jew tas-soċjetà appellanta Allwoods and Steel (Property 1) Limited magħrufa bl-isem ‘Valleyview Flats’ f’Triq Joseph Calleja, Swieqi, u li allegatament kien riżultat ta’ xogħlijiet li kienu qegħdin isiru mill-Korporazzjoni appellata fil-pajpijiet tal-ilma fl-istess triq. Wara li ġew eżegwiti it-tiswijiet neċessarji mill-imsemmija appellanti fil-proprjetà tagħhom, huma ppreżentaw *claim* lis-soċjetà appellanta Elmo Insurance Ltd għal rifużjoni tal-ispejjeż. Din min-naħa tagħha ħallset id-danni subiti minnhom u b’hekk ġiet surrogata fid-drittijiet kollha tagħhom, iżda għalkemm il-Korporazzjoni appellata ġiet interprellata diversi drabi sabiex tagħmel tajjeb għal dawn id-danni, hija baqgħet inadempjenti.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanti għalhekk istitwew il-proċeduri odjerni permezz tal-preżentata ta’ Avviż ta’ Talba quddiem it-Tribunal, fejn talbuh sabiex jikkundanna lill-Korporazzjoni appellata:

*"...tħallas lir-rikorrenti s-somma ta'* ***erbat elef, mija u tletin Ewro (€4,130)*** *rappreżentanti s-somma ta' tlett elef u ħames mija (€3,500) danni minnkom ikkawżati fil-proprjetà msemmija u sborsati mill-mittenti kif ukoll is-somma ta' sitt mija u tletin Ewro (€630) rappreżentanti VAT fuq l-ammont sborsat mill-mittenti bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-Ittri Uffiċjali msemmija u bl-imgħax mid-data tas-16 ta' Jannar 2019."*

4. Il-Korporazzjoni appellata wieġbet fl-10 ta' Marzu, 2021 fejn eċċepiet li: (a) it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma kinitx responsabbli għad-danni li kienu qegħdin jilmentaw minnhom l-appellanti; (b) l-appellanti għandhom iressqu prova tad-danni allegatament subiti minnhom; (ċ) huma għandhom iressqu prova wkoll tal-ammont tad-danni, liema ammont kien qed jiġi kkontestat.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Konsiderazzjonijiet***

*Din il-kawża si tratta dwar ħsara li saret fuq proprjetà tal-attur assigurat minn pajpijiet tal-ilma li jappartjenu lill-Korporazzjoni konvenuta.*

*L-artikolu 21 tal-Kap 355 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:*

(1) Il-Korporazzjoni ma tkunx responsabbli għal xi ħsara magħmula lil persuna jew proprjetà konnessa mal-istallazzjoni tal-provvista tal-ilma li tkun ikkaġunta minn xi inċident li ma setax jiġi evitat, minn deterjorazzjoni raġonevoli jew minn konnessjoni ta' fittings tal-ilma mhux awtorizzat jew minn xi difetti fl-istallazzjoni mhux provduti mill-Korporazzjoni.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 18(2) il-Korporazzjoni mhux responsabbli, fejn ma jkunx hemm negliġenza skont il-provvedimenti ta' dan

l-Att, għal xi inkonvenjent jew ħsara attribwibbli għall-qadi ta' xi dmir impost b'dan l-Att.

(3) Il-Korporazzjoni mhix responsabbli partikolarment għal xi inkonvenjent jew ħsara kaġunata minn għarar li ġej minn azzjoni ta' tempesti naturali li jinqalgħu, ilma ta' taħt l-art jew tqallib tal-baħar.

*L-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

*L-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

*Fil-kawża fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs Philip Agius & Sons Limited (fn. 9 Deċiża fil-21 ta' Novembru, 2008, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Avviż Nru. 512/2004CSH) il-Qorti qalet is-segwenti:*

Issa, kif saput, il-fond primarju tar-responsabilità ċivili, hi ravviżata fl-imġiba imputabbli għal dolo jew kulpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil, iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

Jidhru, imbagħad, skont id-duttrina legali, illi jeżistu kriterji oħra li jagħmlu riferiment għall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti tal-illecitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilità speċjali in rigward għall-evitabilità tal-ħsara. Meta l-att li kkaġuna d-danni kien jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabilità ta' min għamel dak l-att hija assoluta; u min irid jeħles minn dik ir-responsabilità hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major.

M'għandux ikun dubitat illi meta wieħed jiżvolġi attività li minn natura stess tagħha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluża, bħal fil-każ tal-ħruq tal-logħob tan-nar, huwa jinħtieġlu jiddimostra li ħa ħsieb japplika l-miżuri idoneji u l-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex jevita l-ħsara. L-oneru ta' prova bħal din tispetta lilu u għandha tkun ukoll waħda rigoruża. Xejn ma tiswa s-sempliċi prova

negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni ta' dover, iżda jinkombi fuqu li juri manifestament u bi prova pożittiva, illi huwa addotta kura u prudenza biex jilqa' kontra l-possibilità ta' konsegwenzi dannużi;

Issa hu minnu, kif magħruf, illi t-tfal spiss drabi għandhom dak li jissejjaħ "mischevious propensity", li jinġibdu għal dawk l-affarijiet li huma ta' perikolu, b'mod li allura jista' jingħad li tali oġġetti perikolużi jikkostitwixxu xi 'allurement' jew xi 'trap' jew xi 'concealed danger'.

Raġjonevolment għalhekk, meta dan hu hekk konoxxut min hu responsabbli, għandu juża attenzjoni massima u jassikura ruħu, b'adempiment sħiħ tal-liġi u tar-regolamenti u bit-teħid ta' miżuri effettivi, biex jilqa' għal sitwazzjonijiet konsimili.

Minn naħa l-oħra, mhux mistenni li l-miżuri prekawzjonali adoperati jiġu infranti mir-riċerkaturi tal-att illeċitu u abużiv.

Il-prinċipju legali "volenti non fit iniuria", isib applikazzjoni meta min isofri d-dannu jkun huwa stess li liberament u volontarjament b'konsapevolezza sħiħa tan-natura u l-entità tal-periklu impliċitament qabel li jesponi ruħu għalih.

Huwa prinċipju ben akkolt fil-ġurisprudenza tagħna li min ifittex għad-danni, irid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża, iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandha konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti. (Vol. XXX p 111 p 147).

B'dana kollu teżisti sitwazzjoni fejn il-fatti dannużi jew l-impronti tal-ħajja b'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti għandu jiftiehem li pprova anke il-ħtija u allura ikun dmir ta' min ikun kaġun ta' dawk il-fatti li jipprova li ma kellux ħtija filli ssuċċeda. (Vol. XXIV p 893).

*Jirriżulta illi għalkemm it-talba hija fl-ammont ta' €4,130, is-somma imħallsa mill-assigurazzjoni attriċi lill-assigurat tagħha kienet ta' €3,000. (fn. 10 Vide fol 35, 37 u x-xhieda ta' Sharlon Vella a fol 24 et seq tal-proċess)*

*George Bugeja fix-xhieda tiegħu (fn. 11 A fol 19 et seq tal-proċess) qal li l-proprjetà fejn gew ikkaġunati l-ħsarat tinsab bejn żewg toroq u ċioe' bejn Triq il-Ġiżimin u Triq Joseph Calleja, Swieqi, fejn minn Triq il-Ġiżimin il-*basement *jiġi tlett sulari 'l isfel. Spjega li ma kienetx l-ewwel darba li ġratlu, u l-ilma fis-sena 2017, beda nieżel minn kullimkien.*

*Jirriżulta illi għalkemm kemm-il darba daħal l-ilma fil-proprjetà tal-attur George Bugeja, l-ewwel darba li kien kkuntattja lil Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma sabiex tiċċekkja jekk l-ilma li qed jipperkola għandu huwiex min-naħa tagħhom, kien fis-*

*sena 2017. Min-naħa l-oħra jirriżulta wkoll kemm mix-xhieda tal-istess George Bugeja kif ukoll mix-xhieda ta' Mario Haidon illi malli daħal ir-rapport mill-ewwel marru fuq il-post sabiex jaraw jekk hemmx xi ħsarat min-naħa tal-Korporazzjoni. Malli l-Korporazzjoni sabet il-font tal-ħsara, li kienu* wear and tear, *saru t-tiswijiet neċessarji u jirriżulta li l-ilma waqaf mill-ewwel.*

*L-attur kellu d-dover jimminimizza d-danni u dan seta' għamlu billi sar r-rapport mal-ewwel darba li beda jipperkola l-ilma u ċioe' qabel l-inċident fid-data in kwistjoni, liema rapport ma jidhirx li qatt sar qabel is-sena 2017. Barra minn hekk l-attur ma rnexxilux jipprova illi tali deterjorazzjoni fil-pajpijiet ma kienetx raġjonevoli.*

*Illi għalhekk ma ġiex pruvat li l-attur sofra d-danni reklamati minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja da parti tal-Korporazzjoni konvenuta, hekk kif tirrikjedi l-liġi."*

## **L-Appell**

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-26 ta' Ottubru, 2022, fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, u minflok tilqa' t-talba tagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra din tal-aħħar. Jgħidu li l-aggravju tagħhom huwa li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-provi kollha quddiemu fid-deċiżjoni tiegħu.

7. Fit-tweġiba tagħha tal-4 ta' Novembru, 2022, il-Korporazzjoni appellata ssottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u għalhekk timmerita konferma minn din il-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-Korporazzjoni appellata u ta' dak li qal it-Tribunal fis-sentenza appellata.

9. L-appellanti jissottomettu li huma jħossuhom aggravati bis-sentenza appellata għaliex it-Tribunal iddeċieda dwar ir-responsabbiltà o meno tal-Korporazzjoni appellata billi kkunsidra biss uħud mill-provi. Fil-fehma tagħhom, b'hekk it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament xieraq tal-provi kollha u m'offra l-ebda raġuni għaliex skarta l-provi l-oħra. Huma għalhekk qegħdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi kollha. Jirrilevaw li huma kienu mill-ewwel ħadu passi kif skoprew l-ingress tal-ilma, u jsostnu li l-ħsara ma kinitx riżultat ta' *wear and tear,* iżda ta' nuqqasijiet min-naħa tal-Korporazzjoni appellata. L-appellanti jissottomettu li huma min-naħa tagħhom kienu ressqu l-provi meħtieġa u sodisfaċenti fir-rigward tal-pretensjonijiet tagħhom, sabiex b'hekk għamlu l-prova tal-imsemmija pretensjonijiet tagħhom sal-grad rikjest mil-liġi, iżda l-Korporazzjoni appellata naqset milli tagħmel l-istess sabiex tinħeles mir-responsabbiltà tagħha. Huma jagħmlu diversi riferimenti in sostenn tal-argumenti miġjuba minnhom, anki għal sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-29 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet **Saliba v. Malta** App. 24221/13. Jikkontendu li mill-provi kellu jirriżulta li l-ħsara kienet riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni fil-pajpijiet tal-ilma min-naħa tal-Korporazzjoni appellata, iżda t-Tribunal skarta dan kollu u minflok iddeċieda li l-ħsara kienet ġejja minn *wear and tear* tal-imsemmija pajpijiet.

10. Il-Korporazzjoni appellata tilqa' billi tirrileva s-segwenti punti: (a) it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kkunsidra l-fatti u l-provi miġjuba quddiemu b'mod l-aktar diliġenti; (b) sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal, għandu jintwera li hemm 'raġunijiet gravi u serji' għal dan; (ċ) fil-każ odjern m'hemm l-ebda raġunijiet bħal dawn; (d) l-appellanti jonqsu milli jindikaw liema hija dik il-prova *"li turi n-nuqqas da parti tal-korporazzjoni konvenuta",* u dan għaliex tali prova ma teżistix, kif ġie wkoll deċiż mit-Tribunal fis-sentenza tat-23 ta' Marzu, 2006 Talba nru. 2032/2004 fl-ismijiet **Antonia Dalli *vs.* Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**; (e) l-appellanti ma ressqux prova dwar dak li seta' ġara għajr għar-rappreżentant tal-Korporazzjoni appellata, Mario Haidon, li spjega li l-ħsara kienet tliet sulari taħt it-triq konsistenti f'deterjorazzjoni ta' pajp tal-ilma, u b'hekk dan ikkontradixxa l-allegazzjoni tagħhom ta' responsabbiltà, u hija min-naħa tagħha ma kellha l-ebda obbligu jew ħtieġa li tressaq provi ulterjuri; (f) l-appellanti ma setgħux jistrieħu biss fuq il-fatt li kien hemm ħsara fis-sistema, iżda l-oneru ta' prova ta' negliġenza kienet fuqhom kif ingħad fis-sentenza tat-Tribunal tas-7 ta' Diċembru, 2005, Talba nru. 867/2004, fl-ismijiet **Alfred Delicata noe *vs.* Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**; (ġ) għalhekk irriżulta li min-naħa tagħha kienet aġixxiet bl-aktar mod effiċjenti u diliġenti, u mhijiex responsabbli għall-allegati danni; (g) tagħmel riferiment għal darb'oħra għall-artikolu 21 tal-Kap. 355 li jillimita r-responsabbiltà tagħha għal negliġenza, u tirrileva li l-appellanti ma ressqu l-ebda prova dwar xi negliġenza min-naħa tagħha; (għ) għall-kuntrarju rriżulta li l-ħsara kienet ikkaġunata minn deterjorazzjoni raġonevoli jew *wear and tear,* u li hija kienet ħadet azzjoni immedjata u eżegwiet ix-xogħlijiet neċessarji bl-aktar mod effiċjenti u diliġenti; (ħ) tagħmel riferiment

dak li qal it-Tribunal dwar ir-responsabbiltà tagħha, iżda wkoll dwar in-nuqqas tal-appellant li jaġixxi mill-ewwel; (h) it-Tribunal tassew għamel apprezzament xieraq tal-fatti, tant li osserva d-diskrepanza bejn l-ammont tal-allegati danni sofferti mill-appellanti, fejn l-appellanta s-soċjetà assiguratriċi ma kinitx qablet ma' dan l-ammont; (i) it-Tribunal għarbel sew il-provi miġjuba mill-appellanti, is-sottomissjonijiet tal-partijiiet u anki d-disposizzjonijiet tal-liġi; u (ie) l-azzjoni tal-appellanti falliet għaliex huma naqsu milli jressqu prova dwar l-allegat nuqqas tagħha, u dan proprju għaliex il-prova ma teżistix.

11. Il-Qorti tqis li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal irrileva li l-appellanti ma kienx irnexxielhom juru li d-deterjorazzjoni fil-pajpijiet tal-ilma kawża tal-ingress tal-ilma ma kinitx waħda raġonevoli kif jitlob l-artikolu 21 tal-Kap. 355. Osserva li l-appellanti ma kienux urew ukoll li d-danni sofferti minnhom kienu riżultat ta' nuqqas ta' prudenza, negliġenza jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja min-naħa tal-Korporazzjoni appellata skont kif titlob il-liġi. Tgħid li fin-nuqqas ta' prova tajba, il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata, fejn it-Tribunal saħansitra irrileva li qabel l-2017 l-appellanti mhux l-ewwel darba li kienu osservaw l-ilma dieħel, iżda qatt m'għamlu kuntatt mal-Korporazzjoni appellata sabiex b'hekk huma kienu jimminimizzaw id-danni tagħhom stess. Tqis li fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti m'huma qegħdin jgħidu xejn ġdid. Tagħraf li l-argument tal-bidu dwar in-nuqqas tat-Tribunal li jagħmel apprezzament sħiħ tal-provi li tressqu quddiemu, huma ripetuti matul l-għaxar paġni tar-rikors tagħhom mingħajr ma jiċċaraw proprju dak li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra. Għalhekk il-Qorti tqis li fl-appell tagħhom mhux biss m'hemm xejn ġdid li jista' jikkonvinċi lill-Qorti sabiex tbiddel is-sentenza

appellata, iżda saħansitra ma ssib l-ebda argument imsejjes fuq dawk il-provi li allegatament it-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tagħhom.

12. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellanti ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern jitħallsu wkoll mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**